MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 37/2008

**Avviz Numru 37/08CSH**

**Allcare Insurance Agency Limited**

**Vs**

**BBQ Centre Limited**

**Il-Qorti:-**
Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sitta (6) ta’ Frar 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ ghaxart elef sitt mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin euro centesmu (Euro 10,620.22) dovuti bhala bilanci fuq *premiums* ta’ poloz t’assikurazzjoni lilha provduti mis-socjeta attrici matul l-ahhar snin, flimkien ma l-ispejjez t’ittra ufficcjali ta’ Lulju 2007 u Mandat ta’ Sekwestru mahrug kontestwalment.

Bl-imghaxxijiet mid-data ta’ l-iskadenza ta diversi kontijiet kif jigi ppruvat waqt il-kawza kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar id-dsatax (19) ta’ Lulju 2008 skond kopja tal-gazzetta lokali ‘*The Times*’ esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. A1A, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata il-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Gunju 2008 skond kopja esebita fl-atti, oltre li giet notifikata bl-affissjoni fl-ufficcju 10/2 ‘Dolores Flats’ Triq Mensija, San Gwann, nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Gunju 2008 u kopja ta’ l-avviz gie wkoll moghti l-ghassa tal-Pulizija, San Gwann u lil Kunsill Lokali, San Gwann fl-istess jum tat-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Gunju 2008.

Rat illi fis-seduta tas- sitta (6) ta’ Novembru 2008 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ ghaxart elef sitt mija u ghoxrin euro u tnejn u ghoxrin euro centesmu (Euro 10,620.22) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------